**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2099**

KAZ 2810

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Melanie Muscat Foden

u

Foster Clark Products Ltd.

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.*

Data : 5 ta' Settembru 2011

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota prezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fil-15 ta' Gunju 2010.

It-Tribunal zamm sitt seduti.

Melanie Muscat Foden, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukat Mark Refalo u Foster Clark Products Ltd., akltar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Stephen Vella assistit mill-Avukat Matthew Brincat.

Fit-talba lit-Tribunal l-appellant qalet li giet mkeccija ngustament ghaliex kienet kostretta tittermina l-impieg minhabba agir insidjuz u offensiv mis-superjuri taghha, giet imkeccija mill-ufficju taghha u assenjata xoghol minimament konness mal-kariga taghha.

Fl-Istqarrija tal-Kaz ziedet li l-Manager tad-Dipartiment taghha kien difficli maghha u li kienet qed tigi eskluza minn kull xoghol li jinvolvi "Research and Development". Ukoll li ordnalha biex tnehhi l-affarjiet kollha mid-"desk" taghha u tmur tahdem mill-Laboratorju. Hi kkonsidrat li dan it-trattament kien jammonta ghal "demotion" u hasset li ma setghatx tkompli u ma kelliex xelta ohra hlief li tirrizenja.

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tat ir-rizenja l-ghada li giet infurmata li kien se jkun hemm htiega li tibda tahdem mill-laboratorju ghal zmien temporanju sa kemm facilitajiet godda jkunu lesti. Hi hadmet in-“notice” b’mod normali. Wara li rrizenjat l-Kumpanija offrietilha xoghol alternattiv fuq l-istess livell u natura ta’ xoghol izda hi rrifjutat. Il-Kumpanija dejjem trattat l-appellant tajjeb u b’mod vantagguz ghaliha.
Il-Kumpanija ssostni li t-Tribunal mghandux il-kompetenza li jisma l-kaz ghaliex l-appellant irrizenjat minn rajha waqt li din tikkontendi li kienet imgieghla u qed tibbaza il-kaz taghha fuq il-kuncett ta’ “constructive dismissal”.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrizulta li l-appellant giet impjegata fis-6 ta’ Lulju 2006, f’Awissu 2008 il-Manager taghha, Desmond Scerri, appoggha biex takkwista “sponsorship” halli tkompli l-istudji f’livell ta’ “masters”, f’Gunju 2009 fuq rikommandazzjoni ta’ l-istess “manager” inghatat promozzjoni ghal Assistant Manager, Research and Development u fl-ahhar tas-sena kienet inghatat “performance bonus” mill-Kumpanija.

L-appellant ilmentat li dan il-manager kien jittrattha b’mod offensiv u degradanti izda mix-xhieda ma jirrezultax li qatt ghamlet “complaint” formali lil xi superjur. L-unika haga li rrezultat mix-xhieda kienet li darba, f’okkazzjoni socjali, waqt li qed titkellem mal-“Administration and Human Resources Manager” semmiet li ghandha Manager difficli u “too demanding”.Barra din ir-rimarka ma ngiebux provi serji dwar l-allegat trattament offensiv u degradanti. Anzi mix-xhieda jirrezulta li l-appellant, fi hwejjeg ta’ importanza ghall-karriera u futur taghha, sabet l-appogg tal-manager taghha.

Jidher li l-kwistjoni nqalet meta l-Kumpanija, ghal ragunijiet logistici konnessi ma espansjoni ta’ l-infrastruttura, deherilha li kien hemm il-htiega li l-appellant tibda tahdem mill-laboratorju minflok fl-ufficju fejn kienet. Il-manager taghha kien inkarigat mis-superjuri tieghu biex jinforma l-appellant bil-hsieb tal-management. Hi staqsiet ghaliex u giet infurmata biss li din kienet struzzjoni tal-management u meta ghamlet xi mistoqsijiet ohra l-manager qal li ma setghax jirrispondi ghaliex is-superjuri kienu qed izommu l-bidliet konfidenzjali.

Hi ma qajmet ebda oggezzjoni u harget mill-ufficju tieghu bil-kwiet. Ftit hin wara ra l-appellant fil-process li tittrasferixxi ghal skrivanija fil-laboratorju ghalkemm ma kienetx mitluba titlaq immedjatament. Meta staqsiha ghax qabdet u telqet wiegbet li la kellha ticcaqlaq kien ahjar li taghmel hekk mill-ewwel. Izda l-ghada baghtet ir-rizenja.

Ma jirrezultax li ghamlet xi “complaint” formali dwar ic-caqlieqa jew li ppruvat tfittex rimedju minghand il-management. Donnu hadet fastidju, irrabjat u qabdet u baghtet ir-rizenja. Jidher li ma hasbetx wisq u agixxiet fis sahna tal-mument.

Il-Kumpanija tghid li, ghax kienet sodisfatta bix-xoghol taghha u kienet investiet fil-futur taghha, ma xtaqetx titlifha u fil-fatt offrietilha post iehor fl-istess grad u fl-istess natura ta’ xoghol izda hi ma accettatx l-offerta u ma rtiratx ir-rizenja.

L-appellant ma ghamlet ebda attentat mal-management biex tfittex soluzzjoni kif wiehed jistenna li mpjegat jaghmel meta jinqala' xi disgwid. Qabdet u baghtet ir-rizenja immedjatament u hadmet in-notice b'mod normali.

It-Tribunal isib li l-appellant agixxiet bl-ghaggla u bla hsieb u minghajr ma fittxet li tiddiskuti il-problemi mal-management biex forsi tinstab soluzzjoni. Minn naha tieghu il-management, anke wara r-rizenja, kien lest li jikkonsidra xi arrangement biex jakkomoda l-appellant izda hi ma accettatx.

It-Tribunal jiddeciedi li.ma kienx hemm l-elementi mehtiega ghall-koncett ta' "constructive dismissal" fejn l-agir ta' kumpanija lejn impjegat irid ikun ta' grad tant serju li ma jhalli ebda ghazla ghajr dik ta' rizenja.

Dan ma giex pruvat u ghalhekk dan hu kaz ta' rizenja ta' mpjegata minn rajha li ma jaqghax taht il-kompetenza tat-Tribunal.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (disgha u erbghin ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju